MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 974/2003

**Frank u Joseph aħwa Caruana**

***Versus***

**Vincent Caruana u martu Rita Caruana għal kull interess li jista' jkollha**

F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni tal-wirt ta' missierhom u l-ħlas tas-sehem riżervat lilhom minn dak il-wirt billi kienu irrinunzjaw għalih. Din il-kawża nstemgħet flimkien ma' kawża oħra[1] miftuħa mill-konvenuti tallum kontra l-atturi tallum għall-qsim tal-wirt tal-missier u ta' l-omm.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fis-16 ta' Frar 2002 kien miet Emmanuele Caruana, missier il-partijiet, wara li fl-1990 kienet mietet martu Andreana. Il-wirt ta' Emmanuele kien regolat b'testment *unica charta* tal-15 t'Ottubru 1977 fl-atti

[1] Ċitazzjoni nru 306/2003.

tan-Nutar Paul Pellegrini Petit u b'testment ieħor tat-28 ta' Jannar 1994 fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt, li bihom ħatar bħala werrieta universali tiegħu lit-tliet uliedu, iż-żewġ atturi u l-konvenut. Billi, iżda, fit-tieni testment fuq imsemmi, il-missier kien ħalla wkoll legat, l-atturi kienu b'nota fis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili irrinunzjaw għall-wirt waqt li żammew il-jedd għas-sehem riżervat favur tagħhom mil-liġi.

L-atturi issa b'din il-kawża qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi nħallet il-komunjoni ta' l-akkwisti li kien hemm bejn Emmanuele Caruana, *de cuius*, u martu Andreana, u tillikwida l-assi tal-komunjoni;

2. tassenja lill-assi tal-wirt ta' Emmanuele Caruana nofs il-beni tal-komunjoni likwidata skond l-ewwel talba, u tillikwida l-assi tal-wirt billi tgħid illi hu magħmul min-nofs tal-beni tal-komunjoni u dawk l-assi parafernali li jirriżultaw waqt is-smigħ;

3. tillikwida s-sehem mill-wirt li hu riżervat lill-atturi, u mill-istess assi tal-wirt taqsam u tassenja lill-atturi daqshekk beni daqskemm ikun xieraq u meħtieġ għall-ħlas tas-sehem riżervat; u

4. tordna lill-konvenuti jersqu għall-pubblikazzjoni ta' kull att li jkun meħtieġ għall-għanijiet tat-tielet talba, taħtar nutar biex jippubblika l-att ta' diviżjoni jew assenjazzjoni bil-pattijiet u bil-kondizzjonijiet li jidhrulha xierqa fil-jum, ħin u lok li jogħġobha tagħżel, u taħtar kuraturi biex jidhru f'isem min ma jersaqx għall-pubblikazzjoni ta' l-att; jew inkella, jekk ikun meħtieġ, tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dawk il-beni li ma jistgħux jinqasmu komodament.

Talbu wkoll l-ispejjeż tal-kawża.

Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. il-konvenuta Rita Caruana ma hijiex werrieta ta' Emmanuele Caruana u għalhekk għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju;

2. din il-kawża għandha tinstema' flimkien mal-kawża fl-ismijiet <u>Vincent Caruana *et versus* Frank Caruana</u> (ċitazzjoni nru 306/2003) – iż-żewġ kawżi fil-fatt instemgħu flimkien u x-xiehda miġbura f'kawża tqieset għall-oħra wkoll;

3. l-eċċipjenti qatt ma ċaħħdu lill-konvenuti [*recte*: lill-atturi] milli jieħdu sehemhom mill-wirt jew – kif qegħdin jagħmlu f'dawn il-proċeduri – milli jitolbu l-leġittima; l-

ewwel darba li l-eċċipjenti saru jafu li l-atturi qegħdin jippretendu l-leġittima kien meta ġew notifikati bin-nota ta' eċċezzjonijiet fl-atti taċ-ċitazzjoni numru 306/2003; u

4. l-eċċipjenti ma għandhomx jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż.

Qabel ma nidħlu fil-meritu tal-kawża jeħtieġ li nqisu l-eċċezzjoni li tgħid illi l-konvenuta Rita Caruana għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

Din l-eċċezzjoni hija tajba u għandha tintlaqa'. Rita Caruana ma għandhiex sehem mill-wirt, għax il-werriet huwa żewġha l-konvenut Vincent, u mhux hi. Dak li parti fiż-żwieġ tikseb b'wirt ma jidħolx fil-komunjoni ta' l-akkwisti u jitqies proprjetà parafernali, li l-amministrazzjoni tagħha hija mħollija għalkollox f'idejn il-parti li tagħha tkun dik il-proprjetà[2].

Il-konvenuta Rita Caruana, għalhekk, ma għandhiex leġittimazzjoni passiva biex tkun parti fil-kawża, u l-qorti teħlisha mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

Ngħaddu issa għall-meritu. Trid issir qabel xejn likwidazzjoni tal-wirt għall-għanijiet tal-kalkolu tas-sehem riżervat billi naraw kemm kienu jiswew meta miet Emmanuele Caruana, *de cuius*, kemm dak *relictum* kif ukoll dak *donatum*.

Fil-wirt ta' Emmanuele Caruana jidħlu s-sehem tiegħu mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejnu u bejn martu Andreana, u l-beni parafernali tiegħu.

Fil-komunjoni ta' l-akkwisti kien hemm dawn il-beni:

- ħdax-il elf lira (Lm11,000) f'kont ta' depożitu marbut numru X100044 ma' *Mid-Med Bank*; u
- beni mobbli stmati li jiswew elf, tliet mija u ħamsa u tmenin lira (Lm1,385).

B'kollox għalhekk fil-komunjoni kien hemm daqskemm jiswew tnax-il elf tliet mija u ħamsa u tmenin lira (Lm12,385), u sehem il-mejjet *de cuius* jiġi n-nofs, jew sitt elef, mija u tnejn u disgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm6,192.50).

L-atturi jgħidu illi fil-komunjoni kien hemm ukoll elf, tliet mija u erbgħa u sebgħin lira u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm1,374.49) f'kont ta' tifdil numru 033-090473-050 ma'

[2] Art. 1334(2), Kod. Ċiv.

*HSBC Bank (Malta)* u tlitt elef u tmien mitt lira (Lm3,800) investiti f'*HSBC Capital Protected Index Funds SICAV p.l.c.* Għalkemm dawn l-investimenti saru wara l-mewt ta' Andreana Caruana, l-atturi jgħidu illi għandhom jitqiesu li jidħlu fil-komunjoni għax "ma saritx prova ta' l-oriġini tal-flus li [bihom] infetħu tali kontijiet".

Tassew illi l-art. 1321(1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid illi l-beni kollha li l-miżżewġin ikollhom jew parti minnhom ikollha, jitqiesu li jagħmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx ippruvat xort'oħra. Fil-każ tallum, iżda, din il-preżunzjoni ma tgħoddx għax l-investimenti nkisbu wara li nħall iż-żwieġ bil-mewt ta' Andreana, u għalhekk l-oneru tal-prova jinqaleb: trid issir il-prova illi l-beni nkisbu bil-flus tal-komunjoni.

Il-qorti kienet tasal biex tgħid illi saret din il-prova li kieku l-investiment sar f'data qrib dik tal-mewt ta' Andreana. Meta tqis, iżda, illi Andreana mietet fit-30 ta' Diċembru 1990 u l-kontijiet infetħu wieħed fis-17 ta' Frar 2000 u l-ieħor fis-16 ta' Ġunju 2001, ma jistax jingħad illi dik il-prova saret, u dawn l-investimenti għalhekk għandhom jitqiesu li huma beni parafernali ta' Emmanuele Caruana, *de cuius*.

Beni parafernali hemm ukoll qabar li l-partijiet jaqblu li għandu jitqies li jiswa elf u tmien mitt lira (Lm1,800), u appartament f'Casal Paola li fl-2006 kien stmat li jiswa tletin elf lira (Lm30,000) u li tħalla b'legat lill-konvenuti.

Dwar dan l-appartament il-partijiet ma humiex qegħdin jaqblu dwar jekk il-valur għall-għanijiet tal-kawża għandux ikun dak taż-żmien meta nfetaħ il-wirt bil-mewt ta' Emmanuele Caruana, *de cuius*, jew dak tallum.

L-atturi qegħdin igħidu illi, ladarba l-kwota riżervata – qabel ma daħlu fis-seħħ l-emendi magħmula bl-Att XVIII ta' l-2004 – hija *pars bonorum*[3], għandhom jedd *in re* fuq kull ħaġa tal-wirt u għalhekk għandhom sehem f'kull żjieda (jew tnaqqis) fil-valur ta' dik il-ħaġa sakemm is-sehem lilhom riservat ikun tħallas. Biex isaħħu dak l-argument jistrieħu fuq sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Diċembru 1973 *in re* Concetta Vella *et versus* Giuseppe Bugeja *et*. Billi dik is-sentenza tidħol fil-fond tal-kwistjoni, tajjeb li nġibu silta twila minnha:

[3] Art. 615(1), Kod. Ċiv. qabel l-emendi magħmula bl-Att.XVIII.2004.58.

L-appell hu dikjaratament limitat għal dik il-parti tas-sentenza parzjali appellata li tat direttiva lill-perit ġudizzjarju li l-istima tal-fondi fl-assi ta' Concetta Bugeja […] issir fuq il-valur taż-żmien ta' l-istess stima.
Il-qorti qieset b'interess is-sottomissjonijiet orali u skritti tad-difensuri tal-kontendenti fuq in-natura tal-leġittima u kif din tista' tinfluwixxi fuq is-soluzzjoni tal-kwistjoni in eżami, u ma tistax ma turix apprezzament għall-validu apport taz-zewg naħiet għall-istudju tal-punt interessanti ħafna involut.
Il-kwistjoni preżenti nqalgħet għax, kif hu ovvju (u dan hu aktar ovvju fiż-żminijiet tallum meta l-valuri ekonomiċi jissubixxu anki f'temp relativanient qasir sobbalzi li f'epoki oħra, almenu anterjorment għall-ewwel gwerra mondjali, jidher li ma kinux soġġetti għalihom, jew almenu mhux fl-istess grad, dak li anki jispjega l-estrema penurja tal-ġurisprudenza tagħna espliċitament dwar dan il-punt partikolari), fil-perjodu bejn l-apertura tas-suċċessjoni u l-assenjazzjoni tal-leġittima jista' jiġri li l-valuri tal-beni jvarjaw 'il fuq jew 'l isfel.
Fid-dritt tagħna, kuntrarjament għal leġislazzjonijiet oħra, fejn il-leġittima hi deskritta bħala kwota ta' eredità, jingħad espressament illi l-leġittima hi porzjoni tal-beni tal-mejjet mogħtija mil-liġi lid-dixxendenti, u, fin-nuqqas ta' dixxendenti, lill-axxendenti tal-mejjet. Billi fis-sistema tal-liġi tagħna l-leġittima mhijiex kwota ta' eredità, il-leġittimarju, kif ġie kemm-il darba deċiż (Koll. Vol. XX.I.363, XXXI.I.196, XXXIII.I.472, XLIII.II.834), mhuwiex eredi u ma jikkontinwax fil-pussess tal-beni tal-mejjet. Il-leġittima bħala *pars bonorum* hi dovuta *in natura* u, bħala porzjoni tal-beni dovuta *in natura*, mhijiex merament oġġett ta' kreditu tal-leġittimarju kontra l-eredi (Koll. Vol. XXXIII.I.472, a pag. 475), "non consiste in credito", kif jingħad fin-noti tal-Professur Giovanni Caruana. Intant fis-sentenza riportata fil-Koll. Vol. XXVII.I.451 intqal ukoll illi "tra la quota di cui s'è disposto col testamento e la quota indisponibile non vi è comunione"; u in ġenerali jidher illi fil-ġurisprudenza tagħna l-figura tal-leġittimarju ipprofilat ruħha bħala figura *a sè*: la hu sempliċi kreditur u lanqas hu veru komproprjetarju.

Il-prinċipju hu illi l-leġittima hija wkoll dovuta fuq il-beni kollha tad-*de cujus* u, kif intqal mis-*Supremo Magistrato di Giustizia* fis-sentenza Mizzi *v.* Fiamingo (17 ta' Gunju 1840), "si deve sopra tutti i beni, coma dicesi *in qualibet gleba*" (ara wkoll Koll. Vol. XXIX.II.913, XXXIII.II.88, fejn intqal illi "min għandu d-dritt għal-leġittima għandu d-dritt jeħodha minn kollox, *cioè* minn dak kollu li jeżisti fil-patrimonju tad-*de cujus*", salv naturalment fejn dan ma jkunx possibbli in kwantu ma jkunx hemm "fl-istess assi jew massa affarijiet jew beni biżżejjed ta' kull xorta") u kif intqal minn din il-qorti fis-sentenza riportata fil-Koll. Vol. XXIII.I.471, il-leġittimarju "għandu jsib dak il-patrimonju (tal-mejjet) kif ħallieh id-*de cujus*, għax diversament tista' tiġi l-kwistjoni illi l-eredi fil-konservazzjoni tal-patrimonju ma għamilx id-diliġenza necessarja għall-konservazzjoni tiegħu."

Kif qalet ukoll din il-qorti fis-sentenza riportata fil-Koll. Vol. XVIII.I.106, "la legittima spettante ai discendenti legittimi, a differenza della quota riservata ai figli illegittimi, è dovuta loro in natura sopra le diverse specie dei capi che si trovano nella eredità, senza che sia facoltà degli eredi di sodisfare alle ragioni dei legittimari con uno piuttosto che con un altro assegnamento." Naturalment dan jingħad salv il-każ ta' disposizzjoni diversa tat-testatur, kif kien il-każ (ara komment fil-Koll. Vol. XXIX.II.913) tas-sentenza riportata fil-Koll. Vol. XXVII.I.451.

Dan fil-qasir jidher li hu l-istat tal-ġurisprudenza tagħna sal-lum dwar il-leġittima in ġenerali. L-unika sentenza imbagħad, safejn setgħet tara l-qorti, li daħlet fil-kwistjoni partikolari tal-valutazzjoni tal-beni għall-fini tal-likwidazzjoni tal-leġittima apparti Scicluna *v.* Meli, [...], hi dik dik riportata fil-Koll. Vol. XXVII.I.451, fejn testatur kien ħalla lill-leġittimarju bħala legat għas-saldu jew akkont tal-leġittima £600 nominali titoli li fil-mument ta' l-apertura tas-suċċessjoni tat-testatur kienu jiswew £24, u intqal li b'dan il-valur kellhom ukoll jiffiguraw fil-likwidazzjoni tal-legittima "perchè in quel momento ebbe luogo il passaggio della proprietà dei detti titoli a favore dell'appellante [...] la fluttuazione nella quotazione del valore degli stessi, in più o in meno, deve essere sofferta dal proprietario, cioè dall'appellante". Jidher però li titoli oħra li dahlu fil-

likwidazzjoni tal-leġittima u mhux imħollija għas-saldu jew akkont tal-leġittima ġew mogħtija l-valur effettiv attwali fiż-żmien tal-perizja legali.

Kwantu għall-valutazzjoni tal-beni in konnessjoni mad-determinazzjoni tal-porzjoni leġittima, li hi l-materja involuta f'dan l-appell, il-qorti taħseb li m'għandux ikun hemm kwistjoni, in bażi għall-prinċipji […] li għall-finijiet ta' l-operazzjoni preliminari ta' komputu li hi r-riunjoni fittizja ta' l-assi ereditarji in kwantu diretta għar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-*de cujus* (li l-liġi tikkunsidra bħala terminu ta' riferiment għad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless, ta' dak indisponibbli, anki biex talvolta tiġi affermata jew eskluża l-eżistenza tal-leżjoni tal-leġittima) bilfors wieħed irid jirriporta ruħu għall-valuri fiż-żmien ta' l-apertura tas-suċċessjoni, tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-liġi relattivi għall-kollazzjoni.

Dan il-prinċipju jezawrixxi ruhu fil-fissazzjoni tal-kriterju li għandu jigi segwit għall-kalkolu tal-valur ta' l-assi u tal-kwota tal-leġittima; izda jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, *trattandosi* ta' beni *in natura* (mhux flus) ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bhala oġġett "un bene reale" u l-*æstimatio rei* għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni, *cioè* ż-żmien l-aktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjali u tenut kont għalhekk ta' xi soppravvenuta svalutazzjoni monetarja.

Din hi l-veduta li qiegħda tittieħed f'dan it-rigward anki fil-ġurisprudenza Taljana l-aktar moderna u hi bażata essenzjalment fuq prinċipji li jistgħu jissejħu komuni għaż-żewġ drittijiet b'mod li ma tistax tingħad essenzjalment influwenzata mill-fatt, ġà hawn fuq rikonoxxjut, li fid-dritt Taljan il-leġittima hi kwota ta' eredità ħlief in kwantu li anki f'dak id-dritt din il-veduta ġġib magħha l-jedd tal-leġittimarju (u dan hu l-istess fid-dritt tagħna) li jikkonsegwixxi l-kwota tiegħu *in natura*.

Li qiegħda tgħid din is-sentenza hu illi, sabiex tara jekk it-testatur iddisponiex minn aktar mis-sehem li seta' jiddisponi minnha, trid tqis il-valuri taż-żmien meta nfetaħ il-wirt; jekk iżda ssib illi t-testatur tassew iddispona minn aktar mis-sehem disponibbli, min ikollu jedd għal sehem riżervat ikollu dak is-sehem fuq il-beni kollha tal-wirt, u dak

is-sehem, naturalment, ikun jiswa aktar jew anqas skond kemm, bejn iż-żmien tal-ftuħ tal-wirt u ż-żmien tal-ħlas tas-sehem riżervat, jikber jew jiċkien il-valur ta’ l-assi tal-wirt. Għalhekk, meta jiġu biex jinqasmu l-assi, dan isir skond il-valuri taż-żmien tal-qasma.

Is-sentenza miġjuba fuq, iżda, tkompli tgħid illi “dan jingħad salv il-każ ta’ disposizzjoni diversa tat-testatur”, li jfisser illi jekk it-testatur ikun iddispona minn xi beni partikolari – bħal ma għamel Emmanuele Caruana *de cuius* fil-każ tallum – dawk il-beni jitqiesu fil-waqt tal-ftuħ tal-wirt biex tara jekk it-testatur iddisponiex minn aktar mis-sehem li seta’ jiddisponi minnu, iżda ma jerġgħux jitqiesu għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tal-leġittima fiż-żmien tal-ħlas.

Dan il-jedd tat-testatur kien imfisser hekk mill-Qorti ta’ l-appell f’sentenza mogħtija fl-24 ta’ Frar 1930 *in re* Avv. Enrico Carlo Vassallo *nomine versus* Giuseppina Mallia *et*[4]:

… … … è indubitato che la legittima è dovuta in natura; però il testatore ha il diritto di riservare pel legittimario una determinata specie di beni.  Così il Pacifici Mazzoni nel suo trattato *Delle Successioni*, Vol. IV, Ediz. 1875 a pag. 62, dice in proposito:  “Anche il testatore deve ai legittimari riservare la legittima in natura;  e non può invece far loro diversi assegni, per quanto tornar possano a loro vantaggio … … … Ma non è ugualmente obbligato di riservare loro la metà o un terzo di tutti e singoli i beni compresi nel suo patrimonio, e neppure dei beni di tutte e singole le specie, mobili, immobili, denaro.  Imperocchè la facoltà di disporre è riconosciuta dalla legge nel *de cuius* in modo puro e semplice, cioè senza determinazione delle specie di beni.  Se adunque egli donò tutti i beni immobili, non eccedenti la disponibile, si valse del suo diritto, e contro l’atto di donazione quindi giuridicamente compiuto non può [il legittimario] insorgere.  Dall’altra parte la legge riserva per legittima una quota e non date specie di beni; solchè adunque il *de cuius* non disponga di tale quota di beni, rimane nei termini della legge”;

Nè a tale teoria si può opporre il principio su esposto che la legittima è dovuta in natura, perchè ciò vuol dire

---

4 Vol.XXVII.II.451.

secondo l'opinione del sullodato scrittore: "che è dovuta in beni immobili e mobili, o nei primi o nei secondi solamente, secondochè di entrambe le specie o di una delle due esistano nell'eredità lasciate dal *de cuius*, senza averne disposto, o rientrino nel patrimonio ereditario per effetto della riduzione";

Attesochè la medesima teoria è applicabile nel caso di disposizione di ultima volontà; il testatore, riservando determinate specie di beni come quota indisponibile del suo patrimonio, è libero di disporre per testamento riguardo alla rimanente porzione, senza che il legittimario abbia alcun diritto di insorgere contro tali disposizioni, non piacendogli le specie dei beni lasciate nella quota indisponibile. Così il chiaro scrittore (*l.c.* pag. 64) ritiene in proposito: "Il testatore può lasciare per testamento tutti i beni mobili o immobili sino alla concorrenza della disponibile, e riservare pel legittimario soli beni mobili o immobili".

Għalhekk, li għandu jsir hu illi qabel xejn naraw jekk, meħuda l-valuri taż-żmien meta nfetaħ il-wirt, it-testatur kienx iddispona minn sehem akbar minn dak li seta' jiddisponi minnu. Jeħtieġ għalhekk illi naraw kemm kien jiswa l-appartament f'Casal Paola fl-2002, meta miet Emmanuele Caruana, *de cuius*.

Rajna illi fl-2006 l-appartament kien jiswa tletin elf lira (Lm30,000). Meta xehed fit-13 ta' Ġunju 2006 il-perit tekniku qal illi l-proprjetà f'dawk l-inħawi apprezzat b'rata ta' bejn ħamsa u sebgħa fil-mija (5-7%) fis-sena. Jekk nieħdu medja ta' apprezzament ta' sitta fil-mija (6%) fis-sena nsibu illi fl-2005 l-appartament kien jiswa tmienja u għoxrin elf, tliet mija u żewġ liri (Lm28,302), fl-2004 kien jiswa sitta u għoxrin elf u seba' mitt lira (Lm26,700), fl-2003 kien jiswa ħamsa u għoxrin elf, mija u disgħa u tmenin lira (Lm25,189), u fl-2002 kien jiswa tlieta u għoxrin elf, seba' mija u tlieta u sittin lira (Lm23,763).

Mela fil-wirt kien hemm dawn il-valuri meta miet it-testatur:

- appartament f'Casal Paola: Lm23,763.00
- qabar: Lm 1,800.00
- beni tal-komunjoni: Lm 6,192.50
- investimenti: <u>Lm 5,174.49</u>
- B'kollox Lm36,929.99

Minn dawn iridu jonqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral. Dawn tħallsu mill-kont ta' tifdil numru 033-090473-050, li meta miet it-testatur kien fih elf, tliet mija u erbgħa u sebgħin lira u disgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm1,374.49) u, wara li tħallas il-funeral, fadal fih mitejn u ħamsa u sebgħin lira u tmienja u erbgħin ċenteżmu (Lm275.48). L-ispejjeż tal-funeral għalhekk kienu d-differenza, jew elf u disgħa u disgħin lira u ċenteżmu (Lm1,099.01). L-assi netti tal-wirt għalhekk jinżlu għal ħamsa u tletin elf, tmien mija u tletin lira u tmienja u disgħin ċenteżmu (Lm35,830.98).

Fit-testment tat-28 ta' Jannar 1994 it-testatur jagħraf ukoll dejn ta' elf u tliet mitt lira (Lm1,300), u l-assi netti tal-wirt għalhekk ikomplu jinżlu għal erbgħa u tletin elf, ħames mija u tletin lira u tmienja u disgħin ċenteżmu (Lm34,530.98).

L-atturi jgħidu illi kien hemm ukoll xi flus kontanti iżda ma nġiebet ebda prova konkreta ta' dan, jew ta' kemm kien hemm flus. Madankollu, huwa minnu illi Emmanuele Caruana, *de cuius*, x'aktarx kellu xi flus kontanti biex iħallas kontijiet ta' kuljum, u l-qorti għalhekk *arbitrio boni viri* tgħid illi l-valur nett tal-wirt, wara ż-żjieda tal-flus kontanti, għandu jitqies li kien ħamsa u tletin elf, tmien mija u għoxrin lira (Lm35,820).

Billi l-werrieta kienu tlieta, is-sehem riżervat jiġi wieħed minn tlieta (⅓), li jfisser illi kull wild għandu sehem minn disgħa ($^{1}/9$); iż-żewġ atturi flimkien għalhekk għandhom żewġ ishma minn disgħa ($^{2}/9$), li jiswew sebat elef, disa' mija u sittin lira (Lm7,960). Billi, ukoll jekk jinħareġ mill-wirt l-appartament f'Casal Paola, xorta jibqa' fil-wirt beni biżżejjed biex jitħallas is-sehem riżervat għall-atturi, ma hux il-każ illi lill-atturi jingħata sehem mill-appartament.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta' din il-kawża:

1. teħles lill-konvenuta Rita Caruana mill-ħarsien tal-ġudizzju;

2. tgħid illi fil-komunjoni ta' l-akkwisti bejn Emmanuele u Andreana Caruana meta nħallet bil-mewt ta' Andreana kien hemm beni li jiswew tnax-il elf tliet mija u ħamsa u tmenin lira (Lm12,385);

3. tgħid illi l-assi ereditarju ta' Emmanuele Caruana, *de cuius*, magħdud sehmu fil-komunjoni ta' l-akkwisti, jiswa

erbgħa u tletin elf, ħames mija u tletin lira u tmienja u disgħin ċenteżmu (Lm34,530.98);

4. tillikwida s-sehem riżervat mill-wirt li jmiss lill-atturi fis-somma ta' sebat elef, disa' mija u sittin lira (Lm7,960) b'kollox, jew tlitt elef, disa' mija u tmenin lira (Lm3,980) kull wieħed; u

5. tikkundanna lill-konvenut Vincent Caruana jħallas lil kull wieħed mill-atturi s-somma ta' tlitt elef, disa' mija u tmenin lira (Lm3,980).

L-ispejjeż tal-konvenuta Rita Caruana jħallsuhom l-atturi; l-ispejjeż l-oħrajn jinqasmu bejn l-atturi, li għandhom iħallsu nofs (½), u l-konvenut Vincent Caruana, li għandu jħallas in-nofs (½) l-ieħor.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------